

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9288/18

COPS 171
CIVCOM 89
CFSP/PESC 475
CSDP/PSDC 271
RELEX 451
JAI 493

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Mejju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9032/18 COPS 160 CIVCOM 83 CFSP/PESC 453 CSDP/PSDC 262 RELEX 423 JAI 433
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-PSDK ċivili - Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Mejju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-PSDK ċivili, kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Mejju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAL-PSDK ĊIVILI

1. Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) Ċivili tipprovdi valur miżjud uniku lir-rwol globali tal-UE għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Filwaqt li tibni fuq il-ħmistax-il sena esperjenza tagħha, il-PSDK ċivili għandha tissaħħaħ, b'kont meħud tat-trasformazzjoni inkwetanti tal-ambjent strateġiku tal-UE tul dawn l-aħħar snin, inkluż il-ħolqien u l-eskalazzjoni ta' konflitti madwar l-Unjoni u l-persistenza ta' instabbiltà u theddidiet transnazzjonali. F'dan il-kuntest, minn din is-sena tinħtieġ qabża kwalitattiva u kwantitattiva 'l quddiem fil-PSDK ċivili sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur globali fl-immaniġġar ta' kriżijiet ċivili. PSDK ċivili msaħħa hija element essenzjali tal-approċċ konġunt tal-UE, li jaħdem flimkien ma' strumenti oħra tal-UE b'mod integrat, biex tinkiseb l-Istrateġija Globali għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà.
2. Din il-qabża teħtieġ rwol definit għall-PSDK ċivili ffukat fuq prijoritajiet stabbiliti sew u l-indirizzar tal-isfidi attwali u ġodda, permezz ta' approċċ ġdid flessibbli, modulari u skalabbli, kif ukoll billi jingħataw riżorsi effettivi lill-missjonijiet. Il-Kunsill jenfasizza li l-prijoritajiet ta' Feira ta' tisħiħ tal-pulizija, l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni ċivili f'xenarji fraġli u ta' kunflitt jibqgħu l-funzjoni prinċipali tal-PSDK ċivili. Huwa jissottolinja wkoll l-importanza tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) u l-kompiti ta' monitoraġġ kif ukoll il-possibilità li jiġu skjerati missjonijiet tal-PSDK b'mandati eżekuttivi jew semieżekuttivi, skont modalitajiet maqbula. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-involvement u s-sjieda tal-pajjiż ospitanti biex jiġu żgurati riżultati effettivi u sostenibbli, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għar-reżiljenza u s-sigurtà ta' pajjiżi sħab. Huwa jenfasizza li PSDK ċivili tirrispondi għal sitwazzjonijiet partikolari, abbażi ta' prijoritajiet tal-UE għall-azzjoni esterna u ħtiġijiet u rekwiżiti vvalutati tal-pajjiż ospitanti. Dan ir-rispons jitwettaq b'koerenza u kooperazzjoni ma' strumenti rilevanti tal-UE u Stati Membri tal-UE u attivitajiet ta' sħab internazzjonali oħra fil-qafas tal-approċċ integrat.

3. Il-Kunsill jinnota li l-PSDK ċivili tista' tintuża matul iċ-ċiklu sħiħ tal-kunflitt, b'enfasi partikolari fuq l-istabbilizzazzjoni kif ukoll kif ukoll il-prevenzjoni. Huwa jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni mtejbja bejn missjonijiet tal-PSDK u għodod rilevanti oħra tal-Azzjoni Esterna tal-UE f'punti differenti ta' iċ-ċiklu tal-konflitt. Huwa jirrikonoxxi li operazzjoni tul iċ-ċiklu kollu ta' konflitt ser tippreżenta settijiet differenti ta' sfidi għall-PSDK ċivili. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur inerenti ta' bini ta' kapażitajiet u r-rwol għall-PSDK fl-appoġġ għal atturi lokali u gvernijiet biex jittaffew il-konflitti u jiġi żviluppat ambjent politiku favorevoli għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni li PSDK ċivili hija għodda esterna importanti tar-rispons usa' tal-UE li tikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà, inkluż dawk marbuta mal-migrazzjoni irregolari, it-theddidiet ibridi, iċ-ċibersigurtà, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-ħtieġa li jiġi preservat u protett il-wirt kulturali. Huwa jenfasizza li PSDK ċivili tikkontribwixxi għall-indirizzar ta' tali sfidi fir-rabta bejn id-dimensjoni interna u dik esterna, b'kooperazzjoni mal-atturi tal-ĠAI fejn xieraq.

4. F'dan il-kuntest, u filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2017, il-Kunsill japprova d-Dokument Kunċettwali ppreżentat mir-Rappreżentant Għoli bħala bażi għat-tisħiħ tal-PSDK ċivili u aktar hídma f'dan ir-rigward. Huwa jaqbel li PSDK ċivili tista' tikkontribwixxi biex jintlaħqu il-ħames prijoritajiet strateġiċi tal-Istrateġija Globali tal-UE: is-sigurtà tal-Unjoni, ir-reżiljenza tal-istati u s-soċjetajiet fil-pajjiżi ġirien u r-reġjuni tal-madwar, approċċ integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni, ordnijiet reġjonali ta' kooperazzjoni, u governanza globali xierqa għas-seklu 21. Il-Kunsill itenni l-kontribut essenzjali ta' PSDK ċivili lejn l-issodisfar tal-livell ta' ambizzjoni tal-UE u t-tliet prijoritajiet strateġiċi tagħha li ġejjin mill-Istrateġija Globali fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, kif maqbula mill-Kunsill f'Novembru 2016, partikolarment li tirrispondi għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni, li tibni l-kapaċitajiet tas-sħab, u li tipproteġi l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha, skont il-kompiti tal-PSDK stabbiliti fit-Trattat.

5. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappoġġa l-ideat ġenerali u l-livell ta' ambizzjoni stabbiliti fid-Dokument Kunċettwali u b'mod partikolari jappella għall-operazzjonalizzazzjoni tal-approċċ strateġiku mġedded għal PSDK ċivili sabiex:
- a. Tittejjeb l-effettività ta' PSDK ċivili billi:
- Jissaħħa u jitħaffef l-ippjanar tal-PSDK permezz ta' strutturi rilevanti tat-teħid ta' deċiżjonijiet u proċeduri aktar sempliċi u aktar rapidi, taħt il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà f'konformità mal-Artikolu 38 tat-TUE, bil-ħsieb li jiġu determinati l-kompiti speċifiċi għal missjoni ċivili tal-PSDK f'sitwazzjoni partikolari;
 - Tali ppjanar ikun ibbażat fuq analiżi kondiviżi tal-konflitti tal-UE, normalment permezz tal-Qafas Politiku għal Approċċ għal Kriżijiet (PFCA) bħala għodda ewlenija f'dan ir-rigward;
 - Jiġi integrat approċċ reġjonali fil-fażi ta' ppjanar, fejn xieraq, u b'hekk tiġi żgurata l-akbar koerenza tal-oġġettivi tal-missjoni mal-għanijiet stabbiliti mill-istrateġiji reġjonali tal-UE li jikkonċernaw il-pajjiż ospitanti;
 - Jiġu żviluppati abbażi ta' dan mandati ddefiniti b'mod ċar li jippermettu missjonijiet ċivili tal-PSDK aktar modulari u skalabbli fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Art. 42 u 43 TUE, inkluż, fejn xieraq, mandati eżekuttivi u semieżekuttivi skont kondizzjonijiet maqbula;
 - Jiġu żviluppati dokumenti ta' ppjanar li jidentifikaw parametri referenzjarji għall-monitoraġġ tal-progress u li jippermettu rieżamijiet strateġiċi perjodiċi, b'kooperazzjoni ma' strumenti, programmi u attivitajiet rilevanti oħra tal-UE;
 - Jissaħħu l-kwalità u l-impatt ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK billi jittieħed kont tat-tagħlimiet meħuda, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ffukati fuq l-impatt, l-aħjar prattiki u l-feedback operattivi fl-istrateġiji ta' ppjanar, twettiq u tranżizzjoni;
 - Jiżdied ulterjorment ir-rispons ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK, minn għarfien tas-sitwazzjoni, teħid tad-deċiżjonijiet u ppjanar aħjar għall-iskjerament, billi jibni fuq il-progress li diġà sar f'dan ir-rigward;
 - Jiġu rieżaminati l-proċeduri ta' reklutaġġ tas-SEAE għall-missjonijiet, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissjoni;

- Jiġu żviluppati aktar miżuri prattiċi biex jiġi promoss approċċ Ewropew konġunt, ibbażat fuq sinerġiji ċivili-militari fi ħdan il-PSDK kif ukoll kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u atturi li ma jaqgħux taħt il-PESK bħala parti mill-approċċ integrat tal-UE għall-kunflitti u l-kriżijiet bil-ħsieb ta' koerenza u koordinazzjoni mal-involvement usa' tal-UE, inkluż dimensjonijiet ta' żvilupp, stabbilizzazzjoni, umanitarji u politiċi;
 - Tittejjeb aktar il-koordinazzjoni u jitfittxu l-komplementarjetajiet mal-attivitajiet li għaddejjin u ppjanati tal-UE, b'mod partikolari l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-rispons għall-kriżijiet u l-programmi ta' stabbilizzazzjoni, fost l-oħrajn l-istrument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (IcSP). Dan jinkludi l-koordinazzjoni tal-ippjanar strateġiku tal-missjonijiet tal-PSDK u l-programmazzjoni minn atturi tal-UE fi stadju bikri biex tiġi ffaċilitata s-sinkronizzazzjoni ma', u t-tranżizzjoni bla xkiel lejn, tipi oħra ta' involvement tal-UE li jiżguraw kontinwità tal-azzjoni u l-impatt tal-UE fil-pajjiż jew reġjun ikkonċernati, jew it-tranżizzjoni lejn atturi lokali jew organizzazzjonijiet internazzjonali oħra;
 - Jitrawmu s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn missjonijiet ċivili u militari tal-PSDK skjerati fl-istess xenarju;
 - Jiġu integrati d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha u tiġi żgurata l-konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, ir-refuġjati u dak umanitarju, b'kont sħiħ meħud tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u r-risoluzzjonijiet sussegwenti, u l-protezzjoni tal-persuni ċivili, permezz tal-fażijiet ta' ppjanar u dawk operattivi tal-missjonijiet;
 - Ikompli t-titjib tal-komunikazzjoni strateġika biex titjieb il-viżibbiltà tal-PSDK ċivili u l-kontributi tagħha lill-forniment ta' sigurtà.
- b. Tiġi żviluppata aktar l-effettività tal-PSDK ċivili fl-indirizzar tat-theddidiet u l-isfidi fir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna, billi:

- Jitjiebu fejn xieraq il-koerenza u l-kooperazzjoni bejn il-PSDK ċivili u azzjonijiet meħuda mill-UE fid-dimensjoni esterna tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI), u fl-aspetti relatati mas-sigurtà tal-programmi ta' żvilupp u l-politika tal-viċinat, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi u l-bażijiet ġuridiċi ta' kull strument u xprunati minn valutazzjonijiet u ppjanar speċifiċi għal kull sitwazzjoni b'mod konġunt mill-bidu nett;
- Jitqiesu l-linji ta' operazzjoni possibbli tal-PSDK identifikati fid-Dokument Kunċettwali bil-ħsieb ta' ppjanar futur ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri;
- Jiġu żviluppati modalitajiet imtejba ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE filwaqt li jiġu rispettati l-proċeduri rilevanti tat-teħid tad-deċiżjonijiet (inkluż bejn il-formazzjonijiet u l-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill u bejn l-istrutturi ta' ppjanar tal-PSDK u atturi tal-ĠAI), mal-Istati Membri u fuq il-post, kif ukoll fil-passi li jmiss fl-iżvilupp tal-iskjerament tal-kapaċità ċivili;
- Jitrawmu s-sinerġiji bejn l-atturi tal-PSDK u l-ĠAI fil-livell operattiv bl-għan ewlieni li jiżdied l-iskambju ta' informazzjoni biex jitjiebu l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-ippjanar, l-iskjerament u l-impatt operattiv fuq il-post u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet. Atturi rilevanti tal-ĠAI jistgħu jiġu kkonsultati, fejn xieraq, mill-fażi inizjali ta' ppjanar tal-missjoni ċivili tal-PSDK, billi l-konsultazzjoni tibda mal-PFCA. Barra minn hekk, jistgħu jiġu stabbiliti, fejn meħtieġ, arranġamenti ulterjuri biex jiġu integrati esperti tal-ĠAI f'missjonijiet rilevanti tal-PSDK;
- Il-ħidma li għaddejja tkompli tinbena biex tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-aġenziji u atturi oħra fil-qasam tal-ĠAI, b'rabta mal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni, fejn il-mandat tal-missjoni u r-regoli ta' protezzjoni tad-data jippermettu dan;
- Jiġu identifikati fid-dettall il-kapaċitajiet li tirrikjedi l-PSDK ċivili biex jinżamm rispons effettiv għall-oqsma prijoritarji ta' Feira (pulizija, stat tad-dritt u amministrazzjoni ċivili) inkluż l-RSS u l-monitoraġġ, anke biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' sigurtà identifikati hawn fuq, filwaqt li tiġi nnotata d-domanda dejjem akbar għal riżorsi tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni ma' pajjiżi li jospitaw missjonijiet PSDK kif ukoll li jitjiebu s-sħubijiet ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet sħab. Is-sinerġiji u l-interazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet sħab internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari n-NU, in-NATO u l-OSKE, kif ukoll l-UA u l-ASEAN fuq kwistjonijiet komuni ta' politika u standards jenħtieġ li jkunu ta' benefiċċju reċiproku u jippromwovu koerenza ġenerali. Barra minn hekk, il-Kunsill jappoġġa kooperazzjoni ulterjuri ma' pajjiżi sħab biex jikkontribwixxu għal missjonijiet ċivili tal-PSDK, permezz ta' proċeduri maqbula.

Rispons

7. Il-Kunsill jilqa' l-progress li għadu għaddej fit-tisħiħ tar-rispons ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK. B'enfasi partikolari fuq l-approċċ b'diversi livelli, implimentat b'mod inklużiv, huwa jenfasizza:
- a) Li l-Kapaċità Bażika ta' Rispons (CRC), li tikkonsisti minn Pjattaforma msaħħa ta' Sostenn għall-Missjonijiet kif ukoll riżorsi mqiegħda fil-Missjoni eżistenti, issa hija operattiva.
 - b) Din is-CRC tista' tkun ikkomplementata permezz ta' assi skjerabbli rapidament u elementi ta' ppjanar mill-Istati Membri, kif ukoll, fejn ikun maqbul, timijiet speċjalizzati – limitati fl-ambitu, daqs u żmien – u formazzjonijiet multinazzjonali bħall-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea, b'appoġġ għal approċċ flessibbli u modulari.
 - c) Li, filwaqt li jħeġġeġ sinerġiji aktar b'saħħithom fl-appoġġ loġistiku għal missjonijiet tal-PSDK u li jibnu fuq il-ħidma li diġà twettqet, inkluż fuq il-Pjattaforma ta' Sostenn għall-Missjonijiet, fis-26 ta' April 2018 il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar il-maħżen il-ġdid. Il-kapaċità ta' maħżen ser takkwista, taħżen, tmanjni u timla mill-ġdid stokk strateġiku ta' tagħmir u assi ewlenin meħtieġa għall-iskjerament rapidu ta' missjoni ċivili tal-PSDK fi kwalunkwe żona ta' operazzjoni fi żmien 30 jum.

Il-passi li jmiss

8. Il-Kunsill jistenna b'interess il-preżentazzjoni, sas-Sajf 2018, ta' Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili (CCDP), imfassal b'konsultazzjoni mill-qrib u b'kont meħud tal-informazzjoni rilevanti mill-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-atturi tal-ĠAI (inkluż l-aġenziji). Dan ser iħejji l-passi li jmiss fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-kompetenza tal-Istati Membri fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili, fil-bini tal-kapaċitajiet u fl-għoti ta' għarfien esperti għal missjonijiet ċivili tal-PSDK, is-CCDP jenħtieġ li:

- jkun ibbażat fuq valutazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet, inkluż dawk fuq il-post;
- jistabbilixxi liema kapaċitajiet kwantitattivi u kwalitattivi jeħtieġu li jiġu żviluppati, b'kont meħud tal-kompetenzi disponibbli fl-Istati Membri, u jipproponi sensiela ta' għodod xierqa bħalma huma t-taħriġ u l-edukazzjoni, miżuri organizzattivi u inċentivi konkreti, inkluż dawk finanzjarji, biex titjieb id-disponibbiltà;
- jipproponi kif jissaħħaħ aktar ir-rispons;
- juża l-Grupp ta' Taħriġ Ċivili tal-UE li jmiss biex jidentifika rekwiżiti ta' taħriġ komuni, b'kont meħud ukoll tat-taħriġ qabel l-iskjerament u dak waqt il-missjoni;
- jagħmel proposti konkreti li jwasslu għal aktar parteċipazzjoni ta' esperti nazzjonali b'kont meħud tal-perkorsi nazzjonali ta' karriera differenti u jagħmel il-missjonijiet ċivili tal-PSDK aktar attraenti għall-awtoritajiet emittenti;
- jqis żoni diffiċli biex jiġi reklutat persunal f'missjonijiet li jinsabu għaddejjin kif ukoll is-sett uniku ta' riżorsi disponibbli għal finijiet domestiċi, azzjonijiet operattivi mill-atturi tal-ĠAI u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra, jimmassimizza sinerġiji possibbli u jiżgura l-koerenza fil-kisba tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili fil-livell tal-UE;
- jesplora l-opzjonijiet fi ħdan il-baġit tal-PESK, kif ukoll sinerġiji possibbli ma' strumenti finanzjarji oħra. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà ta' finanzjament kumplementari skont il-mandat u l-baġit tagħha.

Biex il-ħtiġijiet ta' kapaċità, il-prijoritajiet tal-UE u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri jikkorrispondu aħjar bejniethom, fis-CCDP jenħtieġ jiġi previst proċess għar-rieżami tal-kapaċitajiet u jiġi varat fl-2019. Dan il-proċess ta' rieżami għandu jkun marbut mad-diskussjonijiet u l-prospetti għall-baġit tal-PESK sabiex jippermetti l-ippjanar u l-prijoritizzazzjoni aktar fit-tul fl-Istati Membri.

9. Filwaqt li jibni fuq din il-ħidma li għaddejja, il-Kunsill jistenna b'interess il-Patt dwar il-PSDK Ċivili sa Novembru 2018 biex tiġi varata l-implimentazzjoni tal-approċċ strateġiku mġedded, sabiex jiġi ssodisfat il-Livell ta' Ambizzjoni li ġej mill-Istrateġija Globali tal-UE. Dan għandu jinkludi impenn politiku mill-Istati Membri biex jipparteċipaw b'mod kollettiv fil-proċess ta' żvilupp tal-kapaċità u impenn mis-SEAE u l-Kummissjoni biex jagħmlu użu effettiv tal-għodod u r-riżorsi disponibbli biex jikkontribwixxu lejn dan il-proċess. Huwa jista' jinkorpora wkoll impenji aktar ambizzjużi minn gruppi ta' Stati Membri biex jikkooperaw u jiskambjaw l-aħjar Prattiki sabiex jiġu żviluppati kapaċitajiet speċifiċi fuq bażi modulari. Bi tħejjija għan dan il-Patt, jistieden lir-Rappreżentant Għoli b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri biex tħejji l-proposti konkreti neċessarji biex tiġi appoġġata l-operazzjonalizzazzjoni tal-approċċ strateġiku mġedded, inkluż bil-ħsieb li jiġu inċentivati u ffaċilitati tali impenji kollettivi u modulari fil-Patt. Meta jkun il-każ, diskussjonijiet ta' livell għoli jistgħu jappoġġaw dan il-proċess.
10. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, tmexxi 'l quddiem il-ħidma f'dan ir-rigward u fi ħdan l-oqfsa rilevanti u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' PSDK ċivili msaħħa, bħala parti minn rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali.